MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-12 ta' Diċembru, 2014

Talba Numru. 70/2014

**Jesmond Micallef K.I. 319666(M)**

**vs.**

**Stephen Garzia K.I. 366478(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-31 ta' Jannar 2014, li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elfejn Ewro (€2,000.00) rappreżentanti self mill-attur lill-konvenut li sar fit-8 t'Awwissu 2012 u li l-konvenut kellu jħallas lura fit-8 t'Ottubru 2012 u dana skont skrittura privata ffirmata mill-partijiet;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġiet debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill- konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000.00), bl-imgħax legali dekorribbli mit-8 t' Ottubru 2012 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż dawk ta' kwalsiasi ittra uffiċċjali li setgħet saret fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------